MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI) KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.
CASSAR JOSEPH LL.D.**

Seduta ta' 30 ta' Settembru, 2002

Numru. 57/2002

**Pulizija**
(Spettur S. Micallef)
**vs**

**Geoffrey Turner**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi:-
Geoffrey Turner ta' 25 sena, bin Peter u Maria Dolores nee' Attard, imwieled Pieta' fil-13.03.1976 residenti "Gardenia , Vjal il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Settembru, Naxxar jew Blk 3, Flt 5, Housing Estate, Gzira. ID Card No 165576 (M).

Talli:-
Fl-14 ta' Mejju 2001 ghal-habta tal-11.15 a.m f' Hal-Luqa bhala impjegat ma DHL Int. Malta, xjentament bil-hsieb li jiffroda lil-Gvern ta' Malta minn dazju jew biex jehles minn projbizzjoni jew limitazzjoni fuq l-oggetti hawn

that imsemmija, xjentament irtira Mini Hi-FI system ta' ghamla Philips Mod FW 358C/30, Video Mixer stereo make Hama Mod VM 518, Microphone Radio shack, remote control Philips u surround x2 ta' ghamla philips mod 88103PH, kontra il-ligi mill-lok ta' kustodja. L-oggetti msemija ghandhom valur totali ta' LM 170.07 u dazju ta' Lm 23.81 liema dazju ma giex imhallas u / jew kawtelat ( bi ksur ta' Artikolu 62 ( c) (e) (f) (g) (h) Kap 37 Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli fl-istess data, hin u lok bhala impjegat tad-DHL Int. Malta, bil- hsieb li jiffroda lill- Gvern minn dazju jew bix jehles minn projbizzjoni jew limitazzjoni fuq l-oggetti hawn that imsemmija, xjentament irtira Mini HiFi system ta' ghamla Philips Mod FW35C/30, video mixer stereo ta' ghamla Hama Mod VM 518, microphone radio shack, remote control Philips u surround x 2 ta' ghamla Philips Mod 88103PH, kontra l-ligi minn lok ta' kustodja. L-ogetti msemmija ghandhom valur totali ta' LM 170.07 u li fuqhom kellha tithallas taxxa fuq il-valur mizjud liema taxxa tammonta ghal-Lm 29.08 ma gietx imhallsa u/jew kawtelata (bi ksur ta' Artikolu 80 Att XXIII ta' l-1998).

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ikkommetta serq ta' l-oggetti aktar 'il-fuq imsemmija, liema serq huwa kkwalifikat bl-ammont.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentament b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali.

Rat li l-akkuzat ma oggezzjonax li l-kaz tieghu jigi ittrattat bi procedura sommarja.

Rat li fis-seduta ta' illum l-akkuzat ammetta l-akkuzi migjuba kontrih.

Issibu hati.

Rat l-Artikolu 62 (c) (e) (f) (g) (h) tal-Kapitolu 37 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 80 tal-Att XXIII ta' l-1998 tikkundannah tlett mija u erbgha u sittin lira Maltija (LM 364) li ghanda tithallas b'rati indaqs kull xahar fi zmien sitt xhur mill-llum u tordna l-konfiska ta' l-oggetti imsemmija fl-att ta' l-akkuza u esebiti, tilliberah mill-akkuzi l-ohra.

(ft) Magt. Dr Joseph Cassar
MAGISTRAT

Vera Kopja. M.Mifsud
Deputat Registratur